

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1023/2009**tad-29 ta' Ottubru 2009****li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar is-soċjetà tal-informazzjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, miżuri ta' implimentazzjoni huma meħtieġa biex tiġi ddeterminata d-dejta li trid tiġi pprovduta għat-tħejjija tal-istatistika msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tagħhom.

- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea ⁽²⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dejta li trid tiġi trażmessa għall-produzzjoni tal-istatistika Komunitarja dwar is-soċjetà tal-informazzjoni kif imsemmi fl-Artikoli 3(2) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tkun kif speċifikat fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49.

⁽²⁾ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

ANNEX I

MODULU 1: L-INTRAPRIŻI U S-SOĊJETÀ TAL-INFORMAZZJONI

1. IS-SUĠĠETTI U L-KARATTERISTIĊI TAGĦHOM

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2010, magħżula mil-lista fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma dawn li ġejjin:

- sistemi tal-ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi,
- l-użu tal-internet u networks elettroniċi oħra mill-intrapriżi,
- proċessi ta' kummerċ u negozju elettroniku,
- sigurtà tal-ICT,
- nefqa u investiment fuq l-ICT.

(b) Għandhom jinġabru l-karatteristiċi li ġejjin marbuta mal-intrapriżi:

Sistemi ta' ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi kollha:

- l-użu tal-kompjuter.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- mhux obligatorja persentaġġ ta' persuni impjegati li jużaw il-kompjuters tal-anqas darba fil-ġimgħa,
- użu ta' network intern tal-kompjuters (eż. LAN),
- użu ta' home page interna (intranet),
- użu ta' extranet,
- użu ta' esplojtazzjoni ħielsa jew b'sors miftuħ, bħal-Linux (jiġifieri bil-kodiċi tas-sors disponibbli, l-ebda spiża ta' drittijiet tal-awtur, u l-possibiltà biex timmodifika u/jew tqassamha mill-ġdid).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw network intern tal-kompjuters (eż. LAN):

- użu ta' aċċess bla wajers fin-network intern tal-kompjuters (eż. LAN).

Użu tal-internet u networks elettroniċi mill-intrapriżi

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- aċċess għall-internet.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li għandhom aċċess għall-internet:

- persentaġġ ta' persuni impjegati li jużaw kompjuters imqabba mal-World Wide Web tal-anqas darba fil-ġimgħa,
- konnessjoni mal-internet: modem tradizzjonali jew ISDN,
- konnessjoni mal-internet: DSL,
- konnessjoni mal-internet: konnessjoni fissa oħra mal-internet,

- konnessjoni mal-internet: konnessjoni broadband mal-mowbajl,
- (mhux obligatorja) konnessjoni mal-internet: konnessjoni broadband mal-mowbajl permezz ta' handset 3G,
- (mhux obligatorja) konnessjoni mal-internet: konnessjoni broadband mal-mowbajl permezz ta' kompjuter mobbli li juża modem 3G,
- konnessjoni mal-internet: konnessjoni oħra mal-mowbajl,
- (mhux obligatorja) użu tal-internet għal servizzi bankarji u finanzjarji,
- (mhux obligatorja) użu tal-internet għat-taħriġ u l-edukazzjoni,
- użu tal-internet għal interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu ta' websajt,
- użu ta' firma diġitali fi kwalunkwe messaġġ mibgħut, jiġifieri metodi ta' kodifikazzjoni li jiżguraw l-awtentiċità u l-integrità tal-messaġġ (marbut unikament ma' u kapaċi jidentifika l-firmatarju u fejn kwalunkwe bidla fil-messaġġ tista' tiġi osservata).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li interaġixxew ma' awtoritajiet pubbliċi permezz tal-internet, fis-sena kalendarja ta' qabel:

- użu tal-internet għal ksib ta' tagħrif minn websajts tal-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-internet għal ksib ta' formoli mill-websajts tal-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-internet biex jintbagħtu lura l-formoli mimlija lill-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-internet li jieħu ħsieb il-proċedura amministrattiva kollha b'mod elettroniku mingħajr ma jinħtieġ xogħol addizzjonali ta' kitba, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-internet biex tintbagħat proposta f'sistema elettronika tal-offerti (kuntratti pubbliċi b'mod elettroniku), fis-sena kalendarja ta' qabel.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li għandhom websajt:

- (mhux obligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: stqarrija speċifika dwar il-politika ta' privatezza, siġill ta' privatezza jew ċertifikat tas-sikurezza tal-websajt,
- (mhux obligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: katalogi tal-prodotti jew listi tal-prezzijiet,
- (mhux obligatorju) forniment tal-faċilità li ġejja: possibbiltà għall-viżitaturi biex jippersonalizzaw jew jiddisinnjaw il-prodotti,
- (mhux obligatorja) tal-forniment -faċilità li ġejja: faċilità biex tordna, tirriżerva jew tibbukkja onlajn,
- (mhux obligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: faċilità li tittraċċa l-ordni onlajn,
- (mhux obligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: kontenut personalizzat għal viżitaturi regolari/repetuti,
- (mhux obligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: riklamar ta' postijiet tax-xogħol battala jew applikazzjoni għal xogħol onlajn.

Proċessi ta' kummerċ elettroniku u negozju elettroniku

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- l-użu ta' skambju ta' dejta awtomatizzat (ADE), iddefinit bħala li tibgħat u/jew li tirċievi l-messaġġi permezz ta' kwalunkwe netwerk ta' kompjuter f'format bi qbil jew standard li jippermetti l-ipproċessar awtomatiku ta' għandhom mingħajr ma jiġi ttajpjat il-messaġġ individwali,

- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-inventarju tal-immaniġġjar,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-immaniġġjar tal-kontijiet,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-immaniġġjar tal-produzzjoni jew servizzi,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tad-distribuzzjoni tal-immaniġġjar,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' xiri li jintbagħtu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-inventarju tal-immaniġġjar,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' xiri li jintbagħtu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-immaniġġjar tal-kontijiet,
- l-użu tal-pakkett tas-software ERP (L-Ippjanar ta' Riżorsi tal-Intrapriża) biex jitqassam tagħrif intern bejn oqsma funzjonali differenti (eżempju il-kontabilità, l-ippjanar, il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq),
- l-użu ta' kwalunkwe applikazzjoni ta' softwer għall-ġestjoni tat-tagħrif dwar il-klijenti (Il-Ġestjoni tar-Relazzjoni tal-Klijent - CRM) biex jaqbad, u jagħmel għad-dispożizzjoni ta' funzjonijiet oħrajn tan-negozju t-tagħrif dwar il-klijenti,
- l-użu ta' kwalunkwe applikazzjoni ta' softwer għall-ġestjoni ta' tagħrif dwar il-klijenti (CRM) biex tanalizza it-tagħrif dwar il-klijenti għal finijiet ta' tqegħid fis-suq (iffissar tal-prezzijiet, promozzjoni tal-bejgħ, għażla tas-sistemi ta' distribuzzjoni, eċċ.),

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw skambju awtomatizzat tad-dejta:

- l-użu ta' ADE biex: jintbagħtu l-ordnijiet lill-fornituri,
- l-użu ta' ADE biex: jiġu rċevuti fatturi elettroniċi,
- l-użu ta' ADE biex: jiġu rċevuti ordnijiet mill-klijenti,
- l-użu ta' ADE biex: jintbagħtu fatturi elettroniċi,
- l-użu ta' ADE biex: jintbagħat jew jiġi rċevut tagħrif dwar il-prodott,
- l-użu ta' ADE biex: jintbagħtu jew jiġu rċevuti dokumenti għat-trasport,
- (mhux obbligatorja) l-użu tal-format ADE: jintbagħtu struzzjonijiet ta' ħlas lill-istituzzjonijiet finanzjarji,
- (mhux obbligatorja) l-użu ta' ADE: tintbagħat jew tiġi rċevuta dejta lil/minn awtoritajiet pubbliċi.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K tan-NACE Rev. 2:

- tqassim elettroniku ta' tagħrif dwar l-immaniġġjar tal-katina tal-provvista mal-konsumaturi u l-fornituri,
- jintbagħtu ordnijiet permezz ta' networks tal-kompjuter, fis-sena kalendarja preċedenti,
- jiġu rċevuti ordnijiet permezz ta' networks tal-kompjuter, fis-sena kalendarja preċedenti,

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jaqsmu t-tagħrif tal-immaniġġjar tal-katina tal-forniment ma' klijenti u fornituri u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K tal-NACE Rev. 2:

- skambju ta' tagħrif mal-fornituri dwar l-inventarju, il-produzzjoni jew it-tbassir tad-domanda jew il-progress tal-konsenji,
- skambju ta' tagħrif mal-klijenti dwar l-inventarju, il-produzzjoni jew it-tbassir tad-domanda jew il-progress tal-konsenji,
- (mhux obbligatorja) skambju ta' tagħrif mal-fornituri jew mal-klijenti permezz ta' websajts,
- (mhux obbligatorja) skambju ta' tagħrif mal-fornituri jew mal-klijenti permezz ta' trażmissjoni elettronika li tippermetti pproċessar awtomatiku (eżempju sistemi tat-tip EDI, XML, EDIFACT, eċċ.).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li rċevew ordnijiet permezz ta' networks tal-kompjuter u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K tal-NACE Rev. 2:

- persentaġġ tal-bejgħ totali li jirriżulta minn ordnijiet li jiġu rċevuti permezz ta' networks tal-kompjuter, fis-sena kalendarja preċedenti,
- persentaġġ tal-bejgħ kummerċjali elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet li jiġu rċevuti permezz ta' websajts, fis-sena kalendarja preċedenti,
- persentaġġ tal-bejgħ kummerċjali elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet li jiġu rċevuti permezz ta' trażmissjoni elettronika li tippermetti pproċessar awtomatiku (eżempju sistemi tat-tip EDI, XML, EDIFACT, eċċ.), fis-sena kalendarja preċedenti,
- l-użu ta' protokoll ta' sigurtà (SSL/TLS) għal ordnijiet li jiġu rċevuti permezz tal-internet,

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li baġhtu ordnijiet permezz ta' networks tal-kompjuter u li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K tal-NACE Rev. 2:

- persentaġġ tal-valur tax-xiri totali li jirriżulta minn ordnijiet magħmula permezz ta' networks tal-kompjuter, fi klassijiet ta' persentaġġ, fis-sena kalendarja preċedenti ($[0;<1]$, $[1;<5]$, $[5;<10]$, $[10;<25]$, $[25;<50]$, $[50;<75]$, $[75;100]$),

Sigurtà fl-ICT

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- persentaġġ ta' intrapriżi b'politika ta' sigurtà ta' ICT iddefinita b'mod formali bi pjan għal reviżjoni regolari,
- persentaġġ ta' intrapriżi li jgħarrfu lill-persunal bl-obbligi tagħhom dwar is-sigurtà ta' ICT permezz ta' taħriġ jew preżentazzjonijiet obbligatorji,
- persentaġġ ta' intrapriżi li jgħarrfu lill-persunal bl-obbligi tagħhom dwar is-sigurtà ta' ICT permezz ta' kuntratt, inkluż il-kuntratt tal-impjegji,
- persentaġġ ta' intrapriżi li jgħarrfu lill-persunal bl-obbligi tagħhom dwar is-sigurtà ta' ICT permezz ta' offeriti ta' taħriġ volontarju jew tagħrif ġeneralment disponibbli (eż. permezz tal-Intranet, ittri bl-aħbarijiet jew dokumenti fuq il-karta),
- persentaġġ ta' intrapriżi affettwati b'inċidenti ta' sigurtà relatati mal-ICT li jirriżultaw f'servizzi tal-ICT mhux disponibbli, qerda jew korruzzjoni ta' dejta minħabba ħsarat fil-hardware jew fis-software,
- persentaġġ ta' intrapriżi affettwati b'inċidenti ta' sigurtà relatati mal-ICT li jirriżultaw f'servizzi tal-ICT mhux disponibbli minħabba attacki minn barra, eż. ċaħda ta' attacki ta'servizz,
- persentaġġ ta' intrapriżi affettwati b'inċidenti ta' sigurtà relatati mal-ICT li jirriżultaw f'qerda jew korruzzjoni ta' dejta minħabba infezzjoni minn software malizzjuż jew aċċess mhux awtorizzat,
- persentaġġ ta' intrapriżi affettwati b'inċidenti ta' sigurtà relatati mal-ICT li jirriżultaw fi żvelar ta' dejta kunfidenzjali minħabba interferenza, attacki ta' "pharming" jew "phishing",
- (mhux obbligatorja) persentaġġ ta' intrapriżi affettwati b'inċidenti ta' sigurtà relatati mal-ICT li jirriżultaw fi żvelar mill-ħaddiema ta' dejta kunfidenzjali f'forma elettronika, kemm jekk b'intenzjoni jew le,

- persentaġġ ta' intrapriżi li jużaw faċilitajiet jew proċeduri ta' sigurtà interni tal-ICT: password tal-awtentività sikura tal-utent
- persentaġġ ta' intrapriżi li jużaw faċilitajiet jew proċeduri ta' sigurtà interni tal-ICT: identifikazzjoni u awtentività tal-utent permezz ta' tokens tal-hardware, eż. smart cards,
- (mhux obligatorja) persentaġġ ta' intrapriżi li jużaw faċilitajiet jew proċeduri ta' sigurtà interni tal-ICT: identifikazzjoni u awtentività tal-utent permezz ta' metodi bijometriċi,
- persentaġġ ta' intrapriżi li jużaw faċilitajiet jew proċeduri ta' sigurtà interni tal-ICT: backup ta' dejta lil hinn mis-sit,
- persentaġġ ta' intrapriżi li jużaw faċilitajiet jew proċeduri ta' sigurtà interni tal-ICT: attivitajiet ta' reġistrazzjoni għal analiżi ta' inċidenti ta' sigurtà.

Karatteristiċi li se jinġabru għal intrapriżi li jużaw il-kompjuters u li għandhom politika ta' sigurtà tal-ICT formalment iddefinita:

- riskju indirizzat fil-politika tas-sigurtà tal-ICT: qerda jew korruzzjoni ta' dejta minħabba attakk jew inċident mhux mistenni,
- riskju indirizzat fil-politika tas-sigurtà tal-ICT: żvelar ta' dejta kunfidenzjali minħabba interferenza, attakk ta' "pharming" jew "phishing" jew b'aċċident,
- riskju indirizzat fil-politika tas-sigurtà tal-ICT: nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi tal-ICT minħabba attakk minn barra (eż. ċaħda ta' attakk ta' servizz).

Nefqa u investiment fuq I-ICT

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi kollha:

- (mhux obligatorja) xiri tal-oġġetti tal-IT (kompjuters u tagħmir periferali) u oġġetti ta' komunikazzjoni (tagħmir),
- (mhux obligatorja) tqassim ta' xiri tal-oġġetti tal-IT (kompjuters u tagħmir periferali) u oġġetti ta' komunikazzjoni (tagħmir) inklużi fil-karta tal-bilanċ (investment),
- (mhux obligatorja) xiri ta' oġġetti oħra tal-ICT (tagħmir elettroniku għall-konsumatur, komponenti u oġġetti varji tal-ICT, servizzi ta' manifattura għat-tagħmir tal-ICT),
- (mhux obligatorja) tqassim ta' xiri ta' oġġetti oħra tal-ICT (tagħmir elettroniku għall-konsumatur, komponenti u oġġetti varji tal-ICT, servizzi ta' manifattura għat-tagħmir tal-ICT) inklużi fil-karta tal-bilanċ (investment),
- (mhux obligatorja) xiri ta' software, ippakkjat minn qabel u personalizzat (software ta' kummerċ u produttività u servizzi ta' liċenzjar),
- (mhux obligatorja) tqassim ta' xiri ta' software, ippakkjat minn qabel u personalizzat (software ta' kummerċ u produttività u servizzi ta' liċenzjar) inklużi fil-karta tal-bilanċ (investment),
- (mhux obligatorja) l-ispiża totali għall-ħolqien ta' software personali,
- (mhux obligatorja) l-ispiża totali għall-ħolqien ta' software personali inkluża fil-karta tal-bilanċ (investment),
- (mhux obligatorja) xiri ta' servizzi u konsulenza dwar it-teknoloġija tal-informatika, servizzi ta' telekomunikazzjoni, u servizzi oħrajn tal-ICT,
- (mhux obligatorja) tqassim ta' xiri ta' servizzi u konsulenza dwar it-teknoloġija tal-informatika, servizzi ta' telekomunikazzjoni u servizzi oħrajn tal-ICT inklużi fil-karta tal-bilanċ (investment),
- (mhux obligatorja) xiri ta' kiri finanzjarju u operazzjonali jew servizzi ta' kiri għal tagħmir tal-ICT,
- (mhux obligatorja) tqassim ta' xiri ta' servizzi ta' kiri finanzjarju fis-servizzi kollha tal-kiri ta' tagħmir tal-ICT inklużi fil-karta tal-bilanċ (investment).

(c) Il-karatteristiċi li ġejjin dwar l-isfond tal-impriża għandhom jinġabru jew jinkisbu minn sorsi alternattivi:

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi kollha:

- l-attività ekonomika prinċipali għall-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti,
- il-medja tal-għadd ta' persuni impjegati, fis-sena kalendarja preċedenti,
- (mhux obligatorja) ħin meħtieġ biex jimtela l-kwestjonarju (f'minuti)

Karatteristiċi li għandhom jinġabru jew jinkisbu minn sorsi alternattivi għall-intrapriżi kollha għas-suġġett tal-investment u l-infiq tal-ICT:

- (mhux obligatorja) xiri totali ta' prodotti u servizzi (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti,
- (mhux obligatorja) dħul totali mill-bejgħ (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti,
- (mhux obligatorja) investment totali mill-bejgħ (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-intrapriżi li mhumiex ikklassifikati fit-Taqsima K tan-NACE Rev. 2:

- xiri totali ta' prodotti u servizzi (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti,
- dħul totali mill-bejgħ (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja preċedenti.

2. KOPERTURA

Il-karatteristiċi speċifikati fl-intestaturi 1(b) u 1(c) ta' dan l-Anness għandhom jinġabru u jinkisbu għall-intrapriżi kklassifikati taħt l-attivitajiet ekonomiċi li ġejjin, għad-daqsijiet ta' intrapriżi li ġejjin u bil-firxa ġeografika li ġejja.

(a) Attività ekonomika: intrapriżi kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin tan-NACE Rev. 2:

Kategorija NACE	Deskrizzjoni
Taqsisma C	"Manifattura"
Taqsisma D, E	"Elettricità, gass u fwar, provvista tal-ilma, immaniġġjar ta' dranaġġ u ta' skart"
Taqsisma F	"Bini"
Taqsisma G	"Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi"
Taqsisma H	"Trasport u ħażna"
Taqsisma I	"Akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi marbuta mal-ikel"
Taqsisma J	"Informazzjoni u komunikazzjoni"
Klassijiet 64.19, 64.92, 66.12 u 66.19	"Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni"
Gruppi 65.1 u 65.2	
Taqsisma L	"Attivitajiet marbuta ma' proprjetà immobbli"
Diviżjonijiet 69-74	"Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi"
Taqsisma N	"Attivitajiet amministrattivi u ta' sostenn"
Grupp 95.1	"Tiswija ta' kompjuters u taġġmir għall-komunikazzjoni"

(b) Daqs tal-intrapriża: intrapriżi b'10 persuni impjegati jew aktar. Intrapriżi b'anqas minn 10 persuni impjegati għandhom jiġu koperti b'mod mhux obligatorju.

(c) Ambitu ġeografiku: intrapriżi li jinsabu fi kwalunkwe parti tat-territorju tal-Istat Membru.

3. PERJODI TA' REFERENZA

Il-perjodu ta' referenza hija s-sena 2009 għall-karatteristiċi li jirreferu għas-sena kalendarja preċedenti. Il-perjodu ta' referenza huwa Jannar 2010 għall-karatteristiċi l-oħra.

4. TQASSIM

Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness, għandhom jingħataw il-karatteristiċi bl-isfond li ġejjin.

(a) Tqassim tal-attività ekonomika: skont l-aggregati NACE Rev. 2 li ġejjin:

Aggregazzjoni NACE Rev. 2

għal kalkolu possibbli tal-aggregati nazzjonali

10-18
 19-23
 24-25
 26-33
 35-39
 41-43
 45-47
 49-53
 55
 58-63
 64.19 + 64.92 + 65.1 + 65.2 + 66.12 + 66.19
 68
 69-74
 77-82
 26.1-26.4, 26.8, 46.5, 58.2, 61, 62.01, 62.02, 62.09, 63.1, 95.1

Aggregazzjoni NACE Rev. 2

għal kalkolu possibbli tal-aggregati Ewropej

10-12
 13-15
 16-18
 26
 27-28
 29-30
 31-33
 45
 46
 47
 55-56
 58-60
 61
 62-63
 64.19 + 64.92
 65.1 + 65.2
 66.12 + 66.19
 77-78 + 80-82
 79
 95.1

- (b) Tqassim tad-daqs tal-klassi: id-dejta għandha titqassam skont il-klassijiet tad-daqs li ġejjin bl-għadd ta' persuni impjegati.

Daqs tal-klassi

10 persuni impjegati jew aktar
 10 sa 49 persuna impjegata
 50 sa 249 persuna impjegata
 250 persuna impjegata jew aktar

Fejn kopert, it-tqassim li ġej għandu jiġi applikat għal intrapriżi li għandhom anqas minn 10 persuni impjegati. (Il-karatteristiċi għandhom jiġu pprovduti għal klassijiet ta' daqs "B'anqas minn 5 persuni impjegati" u "b'5 jew 9 persuni impjegati" b'mod mhux obbligatorju.)

Daqs tal-klassi

Anqas minn 10 persuni impjegati
 Anqas minn 5 persuni impjegati (mhux obbligatorja)
 5 sa 9 persuni impjegati (mhux obbligatorja)

5. PERJODIĊITÀ

Id-dejta għandha tiġi pprovduta darba għas-sena 2010.

6. SKADENZI

- (a) Id-dejta aggregata msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, fejn meħtieġ immarkata bħala kunfidenzjali jew mhux attendibbli, għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2010 jew, għal dejta aggregata dwar is-suġġett "infiq u investiment tal-ICT", qabel it-30 ta' Ġunju 2011. Sa dik id-data, il-ġabra ta' dejta għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format skedat ta' trażmissjoni li jinqara minn kompjuter għandu jsegwi l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-Eurostat.
- (b) Il-metadejta msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2010. Il-metadejta għandha tkun skont il-mudell użat għar-rapport ipprovdut mill-Eurostat.
- (c) Ir-rapport dwar kwalità msemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Novembru 2010 jew, għas-suġġett tal-"infiq u l-investiment tal-ICT", qabel il-31 ta' Lulju 2011. Ir-rapport dwar il-kwalità għandu jkun skont il-mudell użat għar-rapport ipprovdut mill-Eurostat.
-

ANNEX II

MODULU 2: INDIVIDWI, FAMILJI U S-SOĊJETÀ TAL-INFORMAZZJONI

1. IS-SUĠĠETTI U L-KARATTERISTIĊI TAGĦHOM

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2010, magħżula mil-lista fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma dawn li ġejjin:

- aċċess u użu tas-sistemi tal-ICT minn individwi u/jew fid-djar,
- użu tal-internet għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew fid-djar,
- sigurtà tal-ICT,
- kompetenza tal-ICT,
- ostakli għall-użu tal-ICT u l-internet.

(b) Għandhom jiġingabru l-karatteristiċi li ġejjin:

Aċċess u użu tas-sistemi tal-ICT minn individwi u/jew fid-djar

Karatteristiċi li jridu jiġingabru għad-djar kollha:

- aċċess għal kompjuter mid-dar,
- aċċess għall-internet mid-dar, sew jekk jintuża sew jekk le.

Karatteristiċi li jridu jiġingabru għal djar b'aċċess għall-internet mid-dar:

- strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: kompjuter desktop,
- strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: kompjuter li jista' jiġingarr (laptop),
- strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: strumenti mobbli oħrajn,
- (mhux obligatorja) strumenti użati għall-aċċess għall-internet mid-dar: permezz ta' mowbajl li jista' jaqbad mal-internet,
- (mhux obligatorja) strumenti użati għall-aċċess għall-internet mid-dar: kompjuter miżmum bl-idejn,
- strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: sett tat-TV b'taġhmir speċifiku għall-internet,
- strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: console għal-logħob,
- strumenti użati biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: mhux magħruf,
- tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: modem (aċċess għad-dħul fl-internet fuq il-linja normali tat-telefown) jew ISDN,
- tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: DSL (eż. ADSL, SHDSL),
- tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: wajer fiss (eż. kejbil, optical fibre, Ethernet, PLC),
- tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: wireless fiss (eż. satellita, WiFi, WiMax),
- tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: mowbajl wireleas (eż. UMTS),
- (mhux obligatorja) tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: mowbajl wireless permezz ta' handset 3G (eż. UMTS, mowbajl WiMax),

- (mhux obbligatorja) tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: mowbajl wireless permezz ta' modem 3G (ċavetta tal-USB, karta tal-laptop),
- tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-internet mid-dar: mowbajl fuq in-narrowband (GPRS, eċċ.).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi kollha:

- l-użu l-aktar reċenti tal-kompjuter fid-dar, fix-xogħol jew f'post ieħor (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma ntuża kompjueter).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw kompjueter f'dawn l-aħħar tliet xhur:

- frekwenza medja ta' użu tal-kompjuter (kuljum jew kważi kuljum; tal-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); tal-inqas darba fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa); anqas minn darba fix-xahar),
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: id-dar,
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tax-xogħol (għajr id-dar),
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tat-tagħlim,
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'dar ħaddieħor,
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: x'imkien ieħor (eż. f'librerija pubblika, lukanda, ajruport, internet kafè).

L-użu tal-internet għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew fid-djar

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi kollha:

- l-aktar użu reċenti tal-internet (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma ntuża l-internet).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li diġà jkunu użaw l-internet:

- l-aktar attività ta' kummerċ bl-internet reċenti għal użu privat (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma sar xiri jew ordni).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur:

- frekwenza medja ta' użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur (kuljum jew kważi kuljum; tal-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); tal-inqas darba fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa); anqas minn darba fix-xahar),
- fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: id-dar,
- fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tax-xogħol (għajr id-dar),
- fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tat-tagħlim,
- fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'dar ħaddieħor,
- fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: x'imkien ieħor,
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: librerija pubblika,
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: uffiċċju tal-posta,
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: uffiċċju pubbliku, muniċipju jew aġenzija tal-gvern,
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: għaqda tal-komunità jew volontarja,
- (mhux obbligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: internet kafè,

- (mhux obligatorja) fejn intuża l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: hotspot (flukandi, ajruporti, postijiet pubbliċi eċċ.),
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet permess tal-konnessjoni wireless: mowbajl (jew telofown smart),
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet permess tal-konnessjoni wireless: mowbajl (jew telofown smart) permezz ta' GPRS,
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet permess tal-konnessjoni wireless: mowbajl (jew telofown smart) permezz tal-UMTS, HSDPA (3G, 3G+),
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet permess tal-konnessjoni wireless: kompjuter tal-id (palmtop, PDA),
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet permess tal-konnessjoni wireless: kompjuter mobbli (laptop) mhux mid-dar jew mix-xogħol,
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-internet permess tal-konnessjoni wireless: oħrajn,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jibgħat u/jew jirċievi l-e-mails,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għal telefonati minn fuq l-internet, telefonati viżivi (permezz ta' webcam) minn fuq l-internet,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jibgħat messaġġi fuq siti taċ-chat, siti ta' networking soċjali, blogs, gruppi ta' diskussjoni jew forum ta' diskussjoni onlajn, l-użu tal-ibgħit instantanju ta' messaġġi,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed isib tagħrif dwar oġġetti u servizzi,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed juża servizzi marbuta mal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jisma' r-radju u/jew jara t-televixin fuq il-web,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed itella' kontenut maħluq minnu stess (test, stampi, ritratti, vidjos, mużik, eċċ.) fi kwalunkwe websajt biex jitqassam,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed iniżżel software (ħliet software tal-logħob),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jilgħab jew iniżżel il-logħob, l-istampi, il-films jew il-mużika,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jaqra jew iniżżel aħbarijiet, gazzetti u rivisti tal-aħbarijiet onlajn,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed ifittex xogħol jew jibgħat applikazzjoni għal xogħol,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed ifittex tagħrif dwar is-saħħa,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għall-użu ta' servizzi bankarji fuq l-internet,
- (mhux obligatorja) l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għall-bejgħ ta' prodotti jew servizzi, eż. permezz ta' irkanti,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed ifittex tagħrif dwar offerti edukattivi, ta' taħriġ jew ta' korsijiet,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jagħmel kors onlajn (fi kwalunkwe suġġett),
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jikkonsulta l-internet għall-fini ta' tagħlim,

- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jikseb tagħrif minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed iniżżel formoli uffiċjali minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jibgħat formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex jaqraw jew iniżżlu aħbarijiet, gazzetti u rivisti tal-aħbarijiet onlajn:

- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jaqra jew iniżżel aħbarijiet, gazzetti jew rivisti tal-aħbarijiet onlajn li wieħed ikun abbonat għalihom biex jirċivihom regolament.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati biex wieħed jikseb tagħrif minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati biex wieħed iniżżel formoli uffiċjali minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,
- l-użu tal-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati biex wieħed jibgħat formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi,
- l-użu tal-internet fl-aħħar tnax-il xahar biex issir imħatra (eż. imħatra fuq sports) jew logħob tal-ażżard jew lottu.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-internet għal attivitajiet kummerċjali bl-internet għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

- l-użu tal-internet biex wieħed jordna l-ikel jew il-merċa fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna oġġetti tad-dar fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna mediċina fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna films jew mużika fl-aħħar tnax-il xahar (irid jiġi rrapportat separatament: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- użu tal-internet biex wieħed jordna kotba, rivisti jew gazzetti (inklużi kotba elettroniċi) fl-aħħar tnax-il xahar (irid jiġi rrapportat separatament b'materjal ta' taġħlim elettroniku: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna materjal ta' taġħlim elettroniku fl-aħħar tnax-il xahar (irid jiġi rrapportat separatament mal-kotba, rivisti jew gazzetti: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- użu tal-internet biex wieħed jordna ħwejjeġ jew oġġetti sportivi fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna software għal logħob bil-kompjuter u aġġornamenti f'dawn l-aħħar tnax-il xahar (għandu jiġi rrapportat separatament ma' software għal kompjuter u aġġornamenti: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna kompjuter software u aġġornamenti f'dawn l-aħħar tnax-il xahar (għandu jiġi rrapportat separatament ma' software għal logħob bil-kompjuter u aġġornamenti: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna hardware tal-kompjuter fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna taġħmir elettroniku (inklużi kameras) fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-internet biex jiġu ordnati servizzi ta' telekomunikazzjoni (eż. TV, abbonament fi broadband, abbonament f'linja fissa jew mowbajl, tqegħid ta' flus f'kards telefoniċi mħallsa minn qabel),
- l-użu tal-internet għax-xiri ta' ishma, polzi ta' assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-internet għal akkomodazzjoni waqt btala (lukandi, eċċ.) fl-aħħar tnax-il xahar,

- l-użu tal-internet biex wieħed jordna arranġamenti oħra ta' vvjaġġar (biljetti għat-trasport, kiri ta' karozza, eċċ.),
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna biljetti għal avvenimenti fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-internet biex wieħed jordna oġġetti jew servizzi oħrajn fl-aħħar tnax-il xahar,
- oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa nazzjonali,
- oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa minn pajjiżi oħrajn tal-UE,
- oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa mill-bqija tad-dinja,
- oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar: il-pajjiżi tal-orijini tal-bejjiegħa mhux magħruf.

Sigurtà fl-ICT

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

- livell ta' tħassib dwar l-użu tal-internet għal għanijiet privati: teħid ta' vajrus jew infezzjoni oħra tal-kompjuter (eż. worm jew trojan horse) li jirriżultaw ftelf ta' tagħrif jew ħin (b'saħħtu, mhux b'saħħtu, mingħajr effett),
- livell ta' tħassib dwar l-użu tal-internet għal għanijiet privati: ittri elettroniċi mhux mitluba ("spam") li wieħed jirċievi (b'saħħithom, mhux b'saħħithom, mingħajr effett),
- livell ta' tħassib dwar l-użu tal-internet għal għanijiet privati: abbuż fuq tagħrif personali mibgħut fuq l-internet u/jew ksur ta' kunfidenzjalità ta' affarijiet oħra privati (eż. abbuż fuq ritratti, vidjos, dejta' personali li tittella' dwar websajts tal-komunità) (b'saħħtu, mhux b'saħħtu, mingħajr effett),
- livell ta' tħassib dwar l-użu tal-internet għal għanijiet privati: telf finanzjarju bħala riżultat ta' messaġġi qarrieqa li wieħed jirċievi ("phishing") jew li jiġi ggwidat għal websajts foloz li jistaqsu għal tagħrif personali ("pharming") (b'saħħtu, mhux b'saħħtu, mingħajr effett),
- livell ta' tħassib dwar l-użu tal-internet għal għanijiet privati: telf finanzjarju minħabba użu qarrieq ta' ħlas bil-kard (kreditu jew debitu) (b'saħħtu, mhux b'saħħtu, mingħajr effett),
- livell ta' tħassib dwar l-użu tal-internet għal għanijiet privati: tfal li jidħlu f'websajts mhux xierqa jew li jagħmlu kuntatt ma' persuni li potenzjalment jagħmlu l-ħsara minn kompjuter ġewwa d-dar (b'saħħtu, mhux b'saħħtu, mingħajr effett),
- problemi esperjenzati permezz tal-użu tal-internet għal għanijiet privati fl-aħħar tnax-il xahar: teħid ta' vajrus jew infezzjoni oħra tal-kompjuter (eż. worm jew trojan horse) li jirriżultaw ftelf ta' tagħrif jew ħin,
- problemi esperjenzati permezz tal-użu tal-internet għal għanijiet privati fl-aħħar tnax-il xahar: ittri elettroniċi mhux mitluba ("spam") li wieħed jirċievi,
- problemi esperjenzati permezz tal-użu tal-internet għal għanijiet privati fl-aħħar tnax-il xahar: abbuż fuq tagħrif personali mibgħut fuq l-internet u/jew ksur ta' kunfidenzjalità ta' affarijiet oħra privati (eż. abbuż fuq ritratti, vidjos, dejta' personali li tittella' dwar websajts tal-komunità),
- problemi esperjenzati permezz tal-użu tal-internet għal għanijiet privati fl-aħħar tnax-il xahar: telf finanzjarju bħala riżultat ta' messaġġi qarrieqa li wieħed jirċievi ("phishing") jew li jiġi ggwidat għal websajts foloz li jistaqsu għal tagħrif personali ("pharming"),
- problemi esperjenzati permezz tal-użu tal-internet għal għanijiet privati fl-aħħar tnax-il xahar: telf finanzjarju minħabba użu qarrieq ta' ħlas (kreditu jew debitu) bil-kard,
- problemi esperjenzati permezz tal-użu tal-internet għal għanijiet privati fl-aħħar tnax-il xahar: tfal li jidħlu f'websajts mhux xierqa jew li jagħmlu kuntatt ma' persuni li potenzjalment jagħmlu l-ħsara minn kompjuter ġewwa d-dar,
- tħassib dwar is-sigurtà bħala ostaklu għall-ordnijiet jew ix-xiri tal-oġġetti jew servizzi għal użu privat permezz tal-internet fl-aħħar tnax-il xahar,
- tħassib dwar is-sigurtà bħala ostaklu għal twettiq ta' attivitajiet tal-bank bħall-ġestjoni tal-kontijiet għal għanijiet privati permezz tal-internet fl-aħħar tnax-il xahar,

- tħassib dwar is-sigurtà bħala ostaklu għal provvediment ta' tagħrif personali lil komunitajiet onlajn għal netwerking soċjali u professjonali fl-aħħar tnax-il xahar,
- tħassib dwar is-sigurtà bħala ostaklu għall-komunikazzjoni mas-servizzi pubbliċi jew amministrazzjonijiet għal għanijiet privati permezz tal-internet fl-aħħar tnax-il xahar,
- tħassib dwar is-sigurtà bħala ostaklu għal tniżżil ta' software, mużika, fajls ta' vidjos, logħob jew fajls oħra ta' dejta mill-internet għal għanijiet privati permezz tal-internet fl-aħħar tnax-il xahar,
- tħassib dwar is-sigurtà bħala ostaklu għal użu tal-internet b'taġħmir mobbli (eż. laptop) permezz ta' konnessjoni wireless minn postijiet għajr id-dar fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu ta' kwalunkwe tip tas-software jew għodda ta' sigurtà tal-IT (kontra l-vajrus, kontra l-spam, firewall eċċ.) sabiex ikunu protetti l-kompjuter u d-dejta privati (iva, le, ma nafx, mhux applikabbli minħabba li l-individwu ma jużax kompjuter),
- il-frekwenza li biha wieħed jagħmel kopji sikuri jew fajls ta' back-up (dokumenti privati, stampi, eċċ) mill-kompjuter fuq taġħmir estern tal-ħżin, pereżempju, CD, DVD, hard disk estern, taġħmir tal-ħżin tal-USB, jew spazju fuq disk fuq il-provviduri tal-internet (dejjem jew kważi dejjem; xi kultant; qatt jew kważi qatt; mhux applikabbli għax l-individwu ma jżommx fajls fuq kompjuter).

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għal individwi li użaw l-internet fl-aħħar tnax-il xahar u li użaw kwalunkwe software ta' sigurtà jew għodda tal-IT biex jipproteġu l-kompjuter u d-dejta privati:

- l-użu ta' programm li jikkontrolla vajrus u/jew programm kontra l-ispyware,
- l-użu ta' firewall għall-hardware jew għas-software,
- l-użu ta' filter tal-ittri elettroniċi biex jipprevjeni l-"spam",
- l-użu ta' kontroll tal-ġenituri jew software li jservi ta' filter għall-web,
- l-użu ta' software jew għodda ta' sigurtà tal-IT,
- l-użu ta' pakkett iżda l-komponenti mhumiex magħrufa,
- isiru aġġornamenti ta' prodott wieħed jew aktar ta' sigurtà li qed jintużaw (iva, kull darba se jkun hemm aġġornament ġdid disponibbli, awtomatiku jew manwali; iva, kultant jew meta wieħed jiftakar, le).

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għal individwi li użaw l-internet fl-aħħar tnax-il xahar u li użaw kwalunkwe software ta' sigurtà jew għodda tal-IT biex jipproteġu l-kompjuter u d-dejta privati iżda mingħajr ma jkun sar aġġornament ta' prodotti ta' sigurtà:

- Raġuni għaliex ma ġewx aġġornati prodotti ta' sigurtà: l-individwu jemmen li mhux meħtieġ għax ir-riskju huwa baxx,
- Raġuni għaliex ma ġewx aġġornati prodotti ta' sigurtà: l-individwu ma jafx kif jagħmel l-aġġornament,
- Raġuni għaliex ma ġewx aġġornati prodotti ta' sigurtà: l-individwu ma jaħsibx li l-aġġornament ikun effettiv,
- Raġuni għaliex ma ġewx aġġornati prodotti ta' sigurtà: l-individwu jemmen li l-aġġornament hu għoli wisq,
- Raġuni għaliex ma ġewx aġġornati prodotti ta' sigurtà: oħra.

Kompetenza fl-ICT

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw kompjuter:

- (mhux obbligatorja)-aktar kors ta' taħriġ reċenti ta' mill-inqas tliet sığħat dwar kwalunkwe aspekk tal-użu tal-kompjuter (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; bejn sena u tliet snin ilu; aktar minn tliet snin ilu; qatt ma ħa kors),

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw l-internet:

- ħiliet fl-internet fl-użu ta' magni ta' tiftix biex jinstab it-tagħrif,
- ħiliet fl-internet biex wieħed jibgħat e-mails b'fajls meħmuża magħhom,

- ħiliet fl-internet fl-ippustjar ta' messaġġi lil chat rooms, gruppi ta' diskussjoni jew forums ta' diskussjoni onlajn,
- ħiliet fl-internet biex wieħed juża l-internet biex jagħmel telefonati,
- ħiliet fl-internet għall-użu ta' qsim ta' fajl minn persuna magħrufa għall-oħra għall-iskambju ta' films, mużika, eċċ.
- ħiliet fl-internet għall-ħolqien ta' paġna web.

Ostakli għall-użu tal-ICT u l-internet

Karatteristiċi li jridu jinġabru għal djar mingħajr aċċess għall-internet mid-dar:

- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: aċċess għall-internet minn x'imkien ieħor,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: ma jridux l-internet (minħabba l-kontenut dannuż, eċċ.),
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: ma għandhomx bżonn l-internet (minħabba li mhux utli, mhux interessanti, eċċ.),
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: l-ispejjeż tat-tagħmir huma għoljin wisq,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: l-ispejjeż għall-aċċess huma għoljin wisq (telefown, eċċ.),
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: nuqqas ta' ħiliet,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: tħassib dwar sigurtà jew privatezza,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: diżabilità fiżika,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-internet mid-dar: l-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq, iżda raġunijiet oħrajn.

2. KOPERTURA

- (a) L-unitajiet statistiċi li jridu jiġu rappreżentati għall-karatteristiċi elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li jikkonċernaw id-djar huma djar li fihom tal-anqas membru wieħed fil-grupp b'età bejn 16 u 74.
- (b) L-unitajiet statistiċi li jridu jiġu rappreżentati għall-karatteristiċi elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness jikkonċernaw individwi li huma individwi b'età bejn 16 u 74.
- (c) L-ambitu ġeografiku irid ikopri djar u/jew individwi li jkunu jgħixu fi kwalunkwe parti tat-territorju tal-Istat Membru.

3. PERJODU TA' REFERENZA

Il-perjodu ewlieni ta' referenza għall-istatistika li trid tinġabar huwa l-ewwel kwart tal-2010.

4. TQASSIM

- (a) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu mad-djar, għandom jinġabru l-karatteristiċi ta' sfond li ġejjin:
 - reġjun ta' residenza (irid jinġabar skont il-klassifikazzjoni tar-reġjuni NUTS1),
 - (mhux obbligatorja) reġjun ta' residenza skont il-klassifikazzjoni NUTS2,
 - lokalità ġeografika: għixien f'reġjuni ta' konverġenza (inklużi reġjuni għal tneħħija gradwali); għixien f'kompetizzjoni reġjonali u reġjuni ta' impjiegi,
 - grad ta' urbanizzazzjoni: għixien f'żoni ta' popolazzjoni densa; għixien f'żoni ta' popolazzjoni intermedja; għixien f'żoni ta' popolazzjoni skarsa,
 - tip ta' familja: għadd ta' membri fil-familja (irid jinġabar separatament: għadd ta' tfal taħt is-16),

- (b) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi ta' tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu mal-individwi, għandhom jinġabru l-karatteristiċi ta' sfond li ġejjin:
- reġjun ta' residenza (irid jinġabar skont il-klassifikazzjoni tar-reġjuni NUTS1),
 - (mhux obligatorja) reġjun ta' residenza skont il-klassifikazzjoni NUTS2,
 - lokalità ġeografika: għixien f'reġjuni ta' konverġenza (inklużi reġjuni għal tneħħija gradwali); għixien f'kompetizzjoni reġjonali u reġjuni ta' impjiegi,
 - grad ta' urbanizzazzjoni: għixien f'żoni ta' popolazzjoni densa; għixien f'żoni ta' popolazzjoni intermedja; għixien f'żoni ta' popolazzjoni skarsa,
 - sess: maskili; mara,
 - età (trid tinġabar bħala valur jew bl-użu tal-gruppi tal-età): taħt is-16 (mhux obligatorja); 16 sa 24; 25 sa 34; 35 sa 44; 45 sa 54; 55 sa 64; 65 sa 74; 'il fuq minn 74 (mhux obligatorju),
 - l-ogħla livell ta' edukazzjoni mitmum skont il-Klassifikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED 97): baxx (ISCED 0, 1 jew 2); medju (ISCED 3 jew 4); għoli (ISCED 5 jew 6),
 - sitwazzjoni tal-impjeg: impjegat jew jaħdem għal rasu, inklużi ħaddiema tal-familja; qiegħed; studenti li mhumiex fil-forza tax-xogħol; oħrajn li mhumiex fil-forza tax-xogħol,
 - impjeg skont il-Klassifika tal-Istandards tal-Impjiegi Internazzjonali (ISCO-88): ħaddiema li jagħmlu xogħol manwali; ħaddiema li ma jagħmlux xogħol manwali; ħaddiema tal-ICT, ħaddiema mhux tal-ICT.

5. PERJODIĊITÀ

- Id-dejta għandha tiġi pprovduta darba għas-sena 2010.

6. SKADENZI GĦAT-TRAŻMISSJONI TAR-RIŻULTATI

- (a) Id-dejta aggregata imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, fejn meħtieġ immarkata bħala kunfidenzjali jew mhux attendibbli, għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2010. Sa dik id-data, il-ġabra ta' dejta għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format skedat ta' trażmissjoni li jinqara minn kompjuter għandu jsegwi l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-Eurostat.
- (b) Il-metadejta msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2010. Il-metadejta għandha tkun skont il-mudell użat għar-rapport ipprovdut mill-Eurostat.
- (c) Ir-rapport dwar kwalità msemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Novembru 2010. Ir-rapport dwar il-kwalità għandu jkun skont il-mudell użat għar-rapport ipprovdut mill-Eurostat.